MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 713/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Martin BONELLO [ID. Nru. 560862M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-19 ta' Ottubru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u hamsin centezmu ta' euro [€453.50c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u hamsin ċenteżmi (€453.50), skont l-annessi prospett markati Dok "B", liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-televizjoni moghti mis-socjeta attriċi, kont numru A/C 80026113, u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-21 ta' Novembru, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut mhux debitur tas-socjeta attriċi.

Il-konvenut dejjem hallas dak kollu dovut skond il-kontijiet li harget GO p.l.c.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbali datati 5 ta' Frar, 2013 u 11 ta' Marzu, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett t' ostaklu ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u hamsin centezmu ta' euro [€453.50c] minghand l-intimat u dan in konnessjoni ma servizz ta' televizjoni provdut mis-socjeta rikorrenti lill-istess intimat. L-intimat da parti tieghu jghid li huwa ma huwiex debitur tas-socjeta rikorrenti u li huwa dejjem hallas dak kollu dovut skond il-kontijiet li harget is-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. F'din il-kawza, l-uniku xhud li tressqet kienet Ruth Debono, li tahdem fil-*credit control department* tas-socjeta

rikorrenti. Hija kkonfermat li l-intimat fadallu jhallas lis-socjeta minnha rapprezentata s-somma ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u hamsin centezmu ta' euro [€453.50c] u dm an ghal servizzi li utilizza mis-socjeta rikorrenti fir-rigward tat-televizjoni. Stqarret li sad-data ta' meta xehdet l-intimat kien ghadu ma hallas xejn. Fil-fatt qalet li l-ahhar pagament li kien ghamel l-intimat kien fit-3 ta' Settembru, 2011. Finalment qalet li s-servizz li kien qieghed jinghata l-intimat inqatgha fit-30 ta' Awwissu, 2011.

3. L-intimat ma xehedx f'dawn il-proceduri u lanqas ressaq xi provi.

4. Illi ghar-rigward ta' l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimat fir-risposta tieghu, t-Tribunal jiddikjara li dawn ma ġewx sostnuti bl-ebda mod u allura qeghdin jiġu lkoll michuda.

5. Illi in vista ta' dan kollu li ghadu kif inghad, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jsib li l-intimat verament ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u hamsin centezmu ta' euro [€453.50c].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat minnu mressqa permezz tar-risposta tieghu, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u hamsin centezmu ta' euro [€453.50c] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas l-ammont ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u hamsin centezmu ta' euro [€453.50c] lis-socjeta rikorrenti bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu interament mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------